# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru: 4**

**Rikors Numru: 270/12 AL**

**Carmelo Briffa**

**v.**

**Avukat Dr Renzo Porsella Flores u l-PL Liliana Buhagiar b'digriet tat-3 ta' Jannar, 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Natallia Briffa-Shchepava**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell ad istanza tal-attur minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-3 ta' Dicembru 2015 li permezz taghha l-Qorti laqghet it-talba tal-attur ghall-annullament taz-zwieg tieghu mal-konvenuta;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

"1. Illi l-kontendenti zzewgu f'Gomel, fil-Belarus fis-26 ta' Novembru 2010 (hawn anness certifikat taz-zwieg Dok A) u minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifel Mikael Briffa li twieled fit-22 ta' Novembru 2011 (hawn anness certifikat tat-twelid Dok B);

"2. Illi l-kontendenti zzewgu wara korteggjament ta' madwar sena illi kien jikkonsisti minn zminijiet twal ta' firda interrott b'perjodu relattivament qosra ta' koabitazzjoni f'Malta jew fil-Belarus;

"3. Illi dan ir-rapport beda Malta b'introduzzjoni ta' Alena Grech fi Frar 2010 wara li l-partijiet kienu diga tkellmu fuq l-internet. Matul il-korteggjament, il-konvenuta ghamlet car lill-attur illi riedet mhux biss illi jkollha tarbija mir-rapport taghhom izda wkoll illi riedet missier it-tarbija taghha ikun persuna estraneju ghall-belt u pajjiz taghha minhabba ragunijiet medici li allura kienet spjegat fid-dettal l-istess konvenuta;

"4. Illi f'Jannar 2011, il-kontendenti bdew jikkoabitaw Malta bhala mizzewgin. Kif bdiet tghix Malta l-konvenuta mill-ewwel bdiet tgerger kontra Malta, izda b'moderazzjoni u b'mod ragonevoli. Hekk il-komportament taghha mal-attur kien tajjeb. Hekk kif f'Marzu 2011, il-konvenuta skopriet illi kienet tqila bdiet tinsisti illi l-hajja gewwa Malta kienet insopportabili u li hasset li kien imperattiv ghaliha illi tirritorna f'pajjiza. Fl-insistenza taghha f'dan ir-rigward irrikorriet ghall-komportament estrem fosthom hunger-strike;

"5. Illi ikkonfrontat b'daqshekk ir-rikorrent waqaf jirrezisti d-decizjoni ta' martu u ghamel l-arrangamenti biex il-konvenuta terga tmur il-Belarus;

"6. Illi mindu telqet minn Malta f'April 2011, il-konvenuta baghqet tghix il-Belarus nonostante t-tentattivi persistenti tar-rikorrent biex hi tirritorna Malta, wahidha, umbaghad bit-tifel. Giet biss Malta ghal zmien ta' gimgha f'Awissu 2012. Irritornat lura f'pajjiza wara gimgha ghalkemm kien mahsub illi ddum Malta iktar ghax bdiet tgerger bl-ishana u bl-istorbju ecc. Hija telqet minn Malta fl-1 ta' Settembru 2012 u ghadha s'issa ma rritornatx;

"7. Jigi ukoll rilevat illi l-konvenuta kienet matul il-permanenza qasira taghha irrifjutat milli taghmel kwalsiasi sforz biex tintegra ruhha fis-socjeta Maltija, anzi evitat ukoll kull forma ta' interazzjoni anke mal-komunita' ta' Russi pjuttost kbira li hawn;

"Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-26 ta' Novembru 2010 huwa null u bla effett legali u taghti dawk il-provedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta biex tidher ghas-subizzjoni;

"Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

"Rat ir-risposta guramentata tad-deputati kuraturi li in forza taghha huma eccepew:

"Illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza u qed jaghmlu l-almu taghhom biex jaqbdu ma Natallia Briffa-Shchepava li ghaliha nhatru biex jidhru.

"Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

"Semghet lix-xhieda li tressqu ;

"Rat id-dokumenti li tressqu, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ;

"Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba biex iz-zwieg bejn il-partijiet datat 26 ta' Novembru 2010 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi. Ma jidhirx taht liema artikolu l-attur qieghed isejjes it-talba tieghu, madanakollu skont in-nota t'osservazzjonijiet tieghu[1], l-attur jidher li qieghed jibbaza t-talba tieghu *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(c) u l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

"**<u>Verzjoni attur</u>**

[1] Ara fol 117 tal-process

"L-attur xehed fit-tul permezz ta' affidavit[2] li fih isemmi l-hajja l-hajja tieghu qabel u wara z-zwieg mal-mara tieghu l-konvenuta Natallia Shchepava. Huwa jghid li ghall-habta ta' Frar 2010, wiehed mill-hbieb tieghu Charles Grech saqsih jekk kellux intenzjoni jaghmel kuntatt ma' mara mill-Belarus, jishimha Natallia, l-istess habib tieghu fahhar lil din il-mara u qal li ghandha certu edukazzjoni u kienet interessata li tifforma familja. Il-mara ta' Charles Alena, anke hi mill-Belarus qaltlu, l-istess affarijiet u qaltlu wkoll li hija mara li tahdem hafna bhala tabiba. Huwa beda ghalhekk ikellem lil Natallia permezz ta' *Skype*, huwa sar jaf li kienet ginekologista u ma kenitx mizzewga u lanqas kellha tfal. Ghall-bidu l-lingwa kienet problema, imma Natallia bdiet turi hafna interess biex titghallem l-Ingliz. L-attur jghid li ghall-bidu r-relazzjoni li kellhom kienet wahda tad-dahq u patetika. Wara ftit xhur huwa talab lil Natallia biex tigi Malta biex jiltaqghu u jsiru jafu lil xulxin ahjar. Hu ghamel l-arrangamenti kollha u l-konvenuta giet Malta fit-12 ta' Mejju 2010 u huwa jghid li hadha ddur diversi postijiet f'Malta u kellha hafna kliem ta' tifhir ghall-pajjiz. Il-lingwa xorta baqghet ftit ta' problema. Qabel ma telqet lura pajjiza, l-attur talab lill-konvenuta biex tizzewgu u taha curkett, izda hi qaltlu li xtaqet tkompli r-relazzjoni imma ma riditx tizzewweg ghal issa. Ir-relazzjoni kompliet u l-attur stqarr li sar jhobb lill-konvenuta u rega' talab lill-konvenuta tirritorna t-tieni darba biex isir jafha ahjar qabel ma jizzewgu. Hu beda jhoss li l-affarijiet kienu sbieh wisq biex ikunu reali ghaliex il-konvenuta qatt ma kienet tgerger, qatt ma ikkritikat lill-attur u dejjem qablet ma' dak li kien jghid. Hu hass li kellu jiehu parir legali u fil-fatt il-konvenuta qablet li meta tigi Malta t-tieni darba hija tiffirma l-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni ghand in-Nutar. Fit-18 ta' Settembru 2010, l-konvenuta regghet lura Malta u din id-darba qaghet fid-dar t'omm l-attur u l-attur jzid jghid li qattghu hafna hin flimkien u veru hadu pjacir. Kif miftiehem, huma iffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni. L-attur hass li kellu bzonn jifforma d-dar matrimonjali tieghu u fil-fatt iddecieda li jixrti d-dar biswiet id-dar t'ommu, hu ha lill-konvenuta biex tara din id-dar u hi qaltlu li ghogbitha. Huwa jzid li xtraha u beda jahseb kif ha jirrangha. F'dan il-punt huwa infurmaha li xtraq jizzewweg il-Belarus. Il-partijiet izzewgu fis-26 ta' Novembru 2010 u l-attur xtara c-crieket, filwaqt li omm l-gharusa ghenet bil-preparazzjonijiet tat-tieg. Omm l-gharusa meta kellmitu infaqghet tibki u uriet biza' li l-attur kien se jkun vjolenti ma' bintha. Huwa irritorna Malta qabilha u hallielha l-flus li kienu qalghu ghat-tieg. Sakemm il-konvenuta kienet pajjizha u l-attur kien ghadu Malta, l-

[2] Ezebit a fol 42 tal-process

konvenuta spiss kienet iccempel lill-attur fuq *Skype* u tinfaqa' tibki u tghidlu li qed timmissjah, ghalhekk hija irrizenjat minn xogholha u bdiet tipprepara d-dokumenti kollha biex tinghaqad ma' l-attur. Meta kien wasal iz-zmien biex tigi Malta, il-konvenuta infurmat lill-attur li ma xtaqitx tbiegh l-appartament taghha u peress li kellha problemi finanzjarji biex thallsu, kellha bzonn €3000 biex tkun tista' thallas l-appartament u tigi Malta fejn l-attur u fil-fatt huwa ghaddielha dawn il-flus biex tkun tista' tinzel u hekk ghamlet u giet Malta fit-28 ta' Jannar 2011. Mill-ewwel mal-wasla taghha infurmat lill-attur li ma riditx tibqa' tghix fid-dar t'omm l-attur ghax kienet kiesha hafna. B'hekk l-attur accetta li jmorru jghixu fid-dar li kien ghadu kif xtara biswit dik t'ommu u l-konvenuta kienet tnaddaf u filghaxija l-partijiet kienu johorgu jixtru. L-attur pprova jirranga biex il-konvenuta taghmel kors fl-Ingliz izda hi m'accettatx. L-ewwel xaharejn l-attur jghid li kienu l-isbah ghaliex il-partijiet kienu vicin hafna ta' xulxin u kien ikollhom x'jaqsmu ta' spiss, imma f'daqqa wahda l-konvenuta inbidlet, tant li l-attur jghid li lanqas baqa' jirrikonoxxi l-mara li kien izzewweg. Ftit wara l-konvenuta infurmatu li kienet qed tistenna tarbija u l-attur hadha biex taghmel xi testijiet, u filwaqt li hu kien kuntent, hija ikkritikat il-metodu li bih mexxew it-testijiet it-tobba Maltin. L-attur jghid li minn hawnhekk hajtu minn genna saret infern ghaliex il-konvenuta bdiet tgerger fuq kollox, l-umdita', l-kesha, s-shana, fuq il-pajjiz, fuq l-ugiegh ta' ras eccetra. Hi infurmatu li ma kenitx kuntenta li nqabdet tqila daqshekk malajr u li ma kenitx ghadha kuntenta mieghu u riedet titlaq minn Malta biex tmur barra taghmel xi testijiet, peress li t-tobba f'pajjizha kienu ahjar minn ta' Malta. Lill-attur dahallu suspett li l-konvenuta riedet taghmel abort. L-attur fl-ahhar jghid li accetta u l-konvenuta telqet lejn pajjizha fis-26 t'April 2011. Minn hemmhekk l-attur beda jistaqsiha biex tinzel lura Malta u baqghet ittawwal u ggib l-iskuzi sakemm il-konvenuta welldet tifel fit-22 ta' Novembru 2011[3]. L-attur jghid li anke fuq isem it-tifel ma setghux jaqblu, sakemm l-attur ceda u irregistra lit-tifel hawn Malta. Meta twieled it-tifel, il-partijiet ftehmu li l-konvenuta tirritorna Malta f'Mejju 2012 izda meta wasal Mejju 2012, il-konvenuta infurmat l-attur li ahjar tinzel Malta lejn Awissu/Settembru 2012. Meta l-attur ippropona li jitla' hu l-Belarus, il-konvenuta qaltlu li ma kienx possibbli ghaliha taghmillu invit biex ikun jista' jitla'. L-attur spjega li lill-konvenuta taha l-ahhar cans biex tinzel Malta, u fil-fatt huma ftehmu li jitlaqghu l-ajruport ta' l-Ukrajina. Pero' l-konvenuta biex tinzel ghamlet ammont ta' rikjesti, li l-attur jibdel l-ghamara kollha tal-kcina, li jwahhal satellite biex tara t-televizjoni bir-Russu, u l-attur qalilha li jirranga sakemm ilahhaq finanzjarjament. Huwa

[3] Ara fol 10 tal-process

irranga minn Malta biex ibnu jkun jista' jidhol Malta, fil-fatt fil-gurnata miftehma u cioe' l-25 t' Awissu 2012 huwa mar l-ajruport u l-konvenuta flimkien ma' ibnu tfaccaw saghtejn iktar tard mill-hin miftiehem. L-attur jghid li kien jinsab vera kuntent x'hin ra li l-familja tieghu kienet regghet maghquda, izda l-ferh tieghu ftit dam peress li l-konvenuta regghet bdiet tgerger li d-dar ma kenitx tajba bizzejjed ghat-tifel taghhom. Il-konvenuta riedet titlaq lura f'pajjizha bilfors u qabdet u irrangat ghall-biljetti wahedha, izda matul dan il-perjodu kollu l-attur kien jipprova jkellimha biex jikkonvinciha tirranga, hi ammettiet li ma xtaqitx tissepara ghax ma riditx li dan jirrifletti hazin fuq binha, izda l-attur jghid li mhux accettabbli ghalih li jkollu familja maqsuma bejn zewg pajjizi. L-attur gieh suspett li t-tifel seta' ma kienx tieghu u ghamel it-testijiet izda irrizulta li t-tifel huwa tieghu.

"**<u>Verzjoni Konvenuta</u>**

"Illi l-konvenuta ma xehditx f'dawn il-proceduri peress li tinsab assenti minn Malta, izda permezz ta' serje ta' ittri mibghuta lill-kuraturi deputati mahtura mill-Qorti[4], il-Qorti hija f'pozizzjoni li tista' taghmel riassunt qasir tal-verzjoni taghha. Dawn l-ittri huma erba' u datati, 8 ta' April 2013, l-1 ta' Lulju 2013, 23 ta' Ottubru 2013 u 23 ta' Settembru 2014. Hi tghid li hi tabiba u qabel ma zzewget kellha xoghol tajjeb hafna fil-Belarus u telqet kollox biex tizzewweg lill-attur, hi xtaqet familja, pero' kif giet Malta tghix mieghu, l-attur kien isemmi ta' spiss wahda mara jishimha Mati, allura bdiet tifhem li l-attur ma kienx ihobbha. Zzid tghid li meta giet Malta hassitha wahedha, u kellha xokk fuqha. L-attur kien jghidilha wkoll li ma hix perfetta u rigward l-ghajnuna finanzjarja li offrielha ghall-appartament taghha, hija tghid li qatt ma talbitha. Zzid tghid li r-ragel taghha kien ippjana li jifthilha *clinic* minn fejn tkun tista' tahdem u li hi qatt ma ikkritikat id-dar fejn kienu ser jghixu qabel iz-zwieg ghaliex hi intelligenti u zzid tghid li zzewget ghax kienet thobb lill-attur u mhux sempliciment ghax ratu bhala materjal genetiku, tghid li kieku kien il-kaz kienet issib lil min hu isbah minnu u mhux lilu. Hi zzid tghid li l-attur ma jhallashiex u tenfasizza li m'hix tircievi bizzejjed flus minghandu ghat-tifel taghhom. Hi tghid ukoll li stiednet lill-attur jita' l-Belarus biex jara lil ibnu izda huwa qatt ma mar.

"**<u>Provi Migbura</u>**

[4] Ezbiti a fol 86 sa fol 95 tal-process

"Fil-kawza xehed is-Supretendent Lawrence Cutajar li qal li ma jistax jghaddi informazzjoni dwar meta l-konvenuta telqet minn Malta[5]. Xehdet permezz t'affidavit Alena Grech[6] li tghid li kienet habiba tal-konvenuta li kienet tiftah qalbha hafna maghha waqt iz-zmien li kienet Malta, hija zzid tghid li hi kellha parti krucjali biex il-partijiet iltaqghu, u dan peress li anke l-konvenuta wriet l-interess li tizzewweg u taf li l-konvenuta kellha intenzjonijiet serji. Hi kienet tistaqsiha hafna affarijiet dwar Malta biex issir taf, pero' meta kienet tkellimha kienet thoss li ma tantx xtaqet tigi Malta u lanqas wriet interess li titghallem l-Ingliz u lanqas ma kienet impressjonata b'Malta. Ix-xhud qalet li offriet l-ghajnuna li setghet imma l-konvenuta dejjem kienet tirrifjuta ghax kienet thossha li taf ahjar. Darba l-konvenuta infurmatha li kienet inqabdet tqila u nstemghet ferhana, izda f'daqqa wahda inbidlet ta' taht fuq u qatghet il-kuntatti minn max-xhud. Il-konvenuta bdiet tghid li Malta ma toghgobiex bhala pajjiz u ma riditx tibqa' tghix f'Malta, u qalet ukoll lix-xhud li riedet trabbi lit-tifel wahedha.

"Jixhed ukoll Charles Grech[7] li jghid li peress li l-attur wera interess li jizzewweg mara barranija, huwa iddecieda li jghinu billi jistaqsi lil martu, x-xhud l-ohra, li hija barranija wkoll tara jekk issibx lil xi hadd tajjeb ghalih, u bl-ghajnuna taghhom sabu lill-konvenuta. Meta l-konvenuta giet Malta huwa innota li ma kienet qed taghmel xejn biex tipprova tidra fil-pajjiz, u ma kellha l-ebda interess. Hu jghid li ghalkemm lill-konvenuta stedinha d-dar tieghu flimkien ma' martu ghal erba' darbiet, lilhom qatt ma stednithom. Ix-xhud jghid li ghamel minn kollox biex jipprova jghin lill-attur f' dan il-perjodu difficli.

"**<u>Il-mertu tal-kaz odjern</u>**

"Il-partijiet jidher li zzewgu nhar is-26 ta' Novembru 2010 u dan kif jirrizutla minn kopja tac-certifikat taz-zwieg ezebit a fol 9 tal-process.

"F'dan l-istadju qabel ma l-Qorti tghaddi biex tiddiskuti l-aggravji li fuqhom l-attur qieghed jibbaza t-talbiet tieghu, il-Qorti se tghaddi biex tindirizza r-raba' osservazzjoni[8] maghmula mill-attur rigward l-ittri tal-konvenuta ipprezentanti fil-process u li ghalihom saret referenza iktar qabel f'din is-sentenza. Il-Qorti ghamlet referenza ghal dawn l-ittri biex setghet waslet

---

5 Ara xhieda datata 15 t'Ottubru 2013 a fol 57 tal-process

6 Dok CB1 ezebit a fol 49 tal-process

7 Dok CB2 ezebit a fol 64 tal-process

8 Ara fol 123 tal-process (is-sottomissjoni numerata 4)

ghall-verzjoni taghha. Il-Qorti hawnhekk se taghmel referenza ghall-Artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

> *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

"F'dan il-kuntest din il-Qorti se taghmel referenza ghal dak illi iddikjarat il-Qorti ta' l-Appell[9] fir-rigward ta' l-ahjar prova illi parti tista' ggib,

> *"Huwa minnu illi l-oneru tal-prova qiegħed fuq l-atturi u huwa minnu wkoll illi għandha ssir l-aħjar prova, iżda l-aħjar prova hija dik li tista' ssir fiċ-ċirkostanzi u mhux l-aħjar prova li tista' ssir bl-aktar mod assolut[10]. Meta tqis illi l-oġġett tal-kawża huwa mejda tas-seklu XVII ma huwiex raġonevoli li tistenna illi l-atturi jkollhom f'idejhom xi "prova dokumentarja" dwar il-provenjenza tal-mejda."*

"Ghalhekk il-Qorti tosserva li l-kuraturi deputati minnha mahtura ghamlu minn kollox biex jistabbilixxu kuntatt mal-konvenuta, u fil-fatt irnexxielhom jistabbilixxu kuntatt, tant li l-konvenuta baghtet tlett ittri lilhom biex tipprova tghid x'kienet il-verzjoni taghha ghall-kawza odjerna. Il-Qorti ma hix tippretendi li l-kuraturi deputati, kellhom isiefru fil-pajjiz tal-konvenuta biex igibu xi forma ta' dikjarazzjoni guramentata, u fid-dawl ta' dak dikjarat hawn fuq mill-Qorti ta' l-Appell, temmen li fic-cirkostanzi u fil-limitazzjonijiet li kellhom il-kuraturi deputati, din kienet l-ahjar prova li setghet issir u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tiddiskuti l-aggravji li fuqhom l-attur qed jibbaza t-talba tieghu, anke fid-dawl ta' l-ittriipprezentati tal-konvenuta.

"Issa l-Qorti ser tghaddi biex tezamina t-talbiet ta' l-attur abbazi ta' l-Artikoli 19 (1)(c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u abbazi ta' l-Artikoli 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti terga' ttenni li dawn l-artikoli huma msemmija fin-nota t'osservazzjonijiet ta' l-attur prezentata a fol 117 tal-process u ghalhekk qeghda tifhem li dawn huma l-artikoli li fuqhom l-attur ibbaza t-talba tieghu.

"L-artikolu 19(1)(c) jghid hekk,

---

[9] *Miriam Cremona et vs Eucharist Bajada et*, Rikors numru 1113/2006 deciza fil-5 ta' Dicembru 2014, Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili, Superjuri)

[10] Emfazi ta' din il-Qorti

> *"(1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:*
>
> *(c) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;"*

"u l-Artikolu 19(1)(f) jghid li zwieg jista' jigi dikjarat null, *"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;"*

"Hawnhekk il-Qorti se tezamina jekk il-kunsens ta' l-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. F'dan l-istadju, se ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet, *Micallef Pierina vs Bentanfous Amor deciza nhar id-9 ta' Dicembru 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Rik Nru 1176/2000)* fejn gie dikjarat li,

> *"Kwantu ghal 'qerq'… dan certament hu motiv ta' nullita' tal-ftehim jew tal-kuntratt jekk kif del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero' ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu u jeghleb il-volonta'".*

"Imbaghad permezz tal-kawza f-ismijiet *Sciberras Stephen vs Av Francesco Depasquale et noe* deciza nhar id-9 ta' Dicembru 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Rik Nru 1781/1998) gie sostnut ukoll li,

> *"Sabiex ikun hemm nullita' ta' zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-paritjiet ikun inkisib b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita':*
>
> *"1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;*
> *"2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;*
> *"3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;*
> *"4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;*
> *"5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottenut il-kunsens maritali; u*
> *"6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali".*

"Il-Qorti tirrileva dwar dan l-Artikolu, li l-attur isostni li qabel ma l-partijiet izzewgu l-konvenuta kienet tidher mara simpatika u kienet taqbel mieghu f'kollox, u li qatt ma ggieldu jew illetikaw u fuq kollox hija urietu li kienet kuntenta b'Malta u li uriet xewqa li tizzewweg u tghix Malta. Wara li zzewgu u iktar u iktar wara li nqabdet tqila, l-attur jghid li l-karattru taghha inbidel kompletament. Il-Qorti qeghda taghti kredibilita' lill-attur in vista tal-fatt li dawn il-fatti gew anke verifikati mix-xhieda l-ohra li xehdu f'dan il-kaz, izda hawnhekk ghandha kwistjoni li ddur fuq jekk kienx hemm verament ingann jew le da parti ta' l-istess konvenuta, u tenut kont ukoll dak li qed jghid l-attur, li l-konvenuta izzewgitu biss ghaliex riedet tarbija u mhux ghax verament riedet li tizzewweg u taghmel dan il-pass. Jirrizulta li ma kienx hemm qerq *ai termini* tal-gurisprudenza citata, jidher car pero' li kien hemm nuqqas serju ta' zmien veru u proprju fejn il-partijiet setghu jsiru jafu iktar lil xulxin u dan kien primarjament limitat ghaliex il-partijiet gejjin minn pajjizi differenti u milli setghet tifhem din il-Qorti, kienu biss darbtejn ta' perjodi qosra li l-partijiet iltaqghu fizikament flimkien waqt l-gherusija, iz-zminijiet l-ohra kienu komunikazzjonijiet permezz ta' l-*internet* li kienu pjuttost batuti u dan anke in vista' tal-fatt li kien hemm *language barrier* qawwija. Il-Qorti tifhem ukoll, in-natura tal-professjoni li kellha l-konvenuta f'pajjiza, li mhux facli li wiehed jiddeciedi li jitlaq kollox, il-karriera, l-familja, l-pajjiz u jibda hajja gdida f'pajjiz iehor, f'dan il-kaz il-konvenuta ma kienet taf lil hadd f'Malta, izda minkejja kollox il-konvenuta dan il-pass tajjeb jew hazin ghamlitu. Ghalhekk il-Qorti temmen ukoll li l-konvenuta kellha intenzjonijiet tajba u ma kellhiex intenzjoni li b'xi mod tinganna lill-attur meta dahlet ghaz-zwieg, ma jirrizultax li b'xi mod il-konvenuta ppruvat tqarraq bl-attur intenzjonalment. Il-Qorti m'hijiex konvinta li l-konvenuta riedet tqarraq bir-rikorrenti, izda jirrizulta li l-konvenuta b'xi mod ma kenitx lesta li tidhol ghaz-zwieg veru u proprju, jew b'xi mod ma kenitx lesta li terfa' r-responsabbilita' li z-zwieg igorr mieghu wara li hi dahlet ghalih.

"Illi ghalhekk issa l-Qorti ser tezamina jekk iz-zwieg in dizamina huwiex null ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Biex tigi milqugha talba ghal dikjarazzzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid necessarjament jigi ppruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Hawnhekk il-Qorti ser taghmel referenza ghal gurisprudenza varja. Fl-ewwel lok fil-kaz *Atkins Charles vs Atkins Matilde deciza nhar it-2 t'Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili,* l-Qorti qalet hekk,

> *“Rigward x’inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta’ unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita’ kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu”.*

“Fl-istess kaz, il-Qorti zzid hekk,

> *“Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta’ l-ulied, jew l-eskluzjoni ta’ l-obbligu tal-fedelta’ lejn il-parti l-ohra.”*

“Hawnhekk il-Qorti qeghda wkoll taghmel referenza ghall-kawza *AB vs CB deciza fil-31 ta’ Ottubru 2007 (Rik Nru:13/2006),* fejn fuq bazi ta’ fatti kwazi kompletament identici ghall-kaz in dizamina, il-Qorti kif preseduta kienet sabet li z-zwieg bejn il-partijiet kien null ai termini ta’ l-Artikoli 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hawnhekk il-Qorti qalet li ladarba l-konvenut ma kellux intenzjoni jikkonvivi allura kien qieghed jeskludi element essenzjali tal-hajja mizzewga,

> *“Mill-provi jirrizulta car li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkonvivi ma’ l-attrici f’unjoni permanenti, irrevokabbli u esklussiva bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-ben essere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal… Anke l-fatt per se li xahar wara z-zwieg huwa mar il-Jugoslavia wahdu, kontra r-rieda espressa tal-attrici, fejn dam tlett gimghat mal-familjari tieghu u tahom il-flus li kienu ghar-rigali tat-tieg; dan il-fatt huwa indikattiv tan-nuqas ta’ rispett u mhabba da parti tal-konvenut lejn martu”.*

“Illi minn ezami tal-provi, ma hemm l-ebda dubju f’mohh din il-Qorti, li ghalkemm il-konvenuta ghaddiet mic-ceremonja taz-zwieg, hija internament u b’att posittiv tar-rieda taghha, eskludiet l-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja mizzewga. Jirrizulta car li hija qatt ma kellha intenzjoni li tghix ma’ l-attur f’unjoni permanenti, irrevokabbli u esklussiva bazata fuq konvivenza diretta lejn il-*ben essere* reciproku.

“Il-komportament tal-konvenuta wara z-zwieg kien wiehed diskutibbli, fis-sens illi, l-konvenuta bhal donnha qeghda tghix fil-fantasija li tista’ tghix hajja mizzewga u zzomm relazzjoni billi hi tghix f’pajjiz u l-attur jghix f’pajjiz iehor. Il-Qorti thoss li l-konvenuta ma tatx cans bizzejjed lill-

konvivenza ma' l-attur biex tasal ghall-konkluzjoni morali illi l-konvenuta ippruvat tghix l-hajja ta' mara mizzewga. Kif il-konvenuta inqabdet tqila, xaharejn biss fil-konvivenza matrimonjali, mill-ewwel bdiet taghmel pjanijiet biex titlaq lura pajjizha.

"Dan il-komportament, juri bic-car li l-konvenuta qatt ma riedet tikkonvivi ma' l-attur, anzi l-fatt wahdu li telqet lura lejn pajjiza kontra r-rieda ta' l-attur, fejn damet hemm ghall-perjodu kollu tat-tqala u rnexxielha tigbed iktar minn sena biex umbaghad inghaqdet lura ma' l-attur ghal ftit jiem, juri car li l-konvenuta kellha nuqqas ta' rispett u ta' mhabba lejn ir-ragel taghha. Certament li dan iz-zwieg li kellhom il-partijiet ma tistax issejjahlu bhala unjoni ta' mhabba u ghaqda, meta l-element necessarju ta' l-ghaqda huwa ghal kollox nieqes. X'kienet ir-raguni ghaliex il-konvenuta gabet ruhha b'dan il-mod mhux car, izda jidher car li l-konvenuta ma kenitx matura bizzejjed biex tifhem li l-konvivenza hija element essenzjali taz-zwieg u li ma tista' bl-ebda mod imaginabbli tigi eskluza.

"Min-naha l-ohra, jirrizulta li l-attur ghamel minn kollox biex jipprova jsalva z-zwieg tal-partijiet, anke meta l-konvenuta ghaddiet it-tqala kollha barra minn Malta, meta damet biex tigi lura sas-Sajf sussegwenti, huwa qatt ma qata' qalbu u ghamel minn kollox biex tigi lura, u dan rizultat ta' kemm kien ihobb verament lill-konvenuta u lit-tifel tieghu, izda dan kien kollu ghal xejn ghax meta l-konvenuta giet lura, ghamlet ftit jiem u regghet ghamlet minn kollox biex titlaq. U dan il-komportament ikompli jikkonferma l-konkluzjoni ta' din il-Qorti li l-konvenuta eskludiet ghal kollox il-konvivenza matrimonjali, anzi lanqas biss tat cans li l-hajja matrimonjali tibda.

"Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li dan iz-zwieg huwa null ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, minhabba li l-konvenuta eskludiet wahda jew aktar mill-elementi essenzjali ghall-hajja mizzewga u ghalhekk it-talba ta' l-attur jisthoqqilha li tigi milqugha.

"**<u>Decide</u>**

"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tiddikajra z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Novembru 2010 bhala null u bla effett fil-ligi *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

> "Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, b'dan illi provvizorjament l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-kuraturi deputati jithallsu mill-attur."

Rat allura r-rikors tal-appell tal-konvenut nomine li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza imsemmija billi tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu u tichad it-talbiet attrici;

Rat ir-risposta tal-attur li permezz taghha talab ic-cahda tal-appell u konferma tas-sentenza appellata;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi trattaw l-appell;

Ikkonsidrat:

Illi bazikament l-appellanti qed jilmenta illi ghall-kuntrarju ta' dak kontenut fis-sentenza appellata, ma kienx hemm provi bizzejjed biex il-Qorti kellha tiddikjara z-zwieg null skont l-Artikolu 19(1)(f) – jghid li fil-fatt irrizulta mhux li kien hemm eskluzjoni pozittiva da parti tal-konvenuta ta' xi element essenzjali taz-zwieg, izda fil-fatt zwieg perfettament normali li mar hazin. L-artikolu li skont il-Qorti japplika f'dan il-kaz jghid hekk:

> "**19.** (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:
>
> "…..;
>
> "…..
>
> "(*f*) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;"

L-estremi msemmija fis-subinciz (c) – li jsemmi l-qerq – u s-sub inciz (*d*) – li jsemmi difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg – ma irrizultawx lill-ewwel Qorti u ma sar ebda appell fir-rigward.

Qabel ma tidhol fl-aggravji tal-appellant il-Qorti se taghti t-tifsira tas-sub inciz li fuqu l-Qorti sabet li kellha takkorda t-talba attrici, kif gie spjegat tajjeb mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit v. Bernardette Zammit** (27 ta' Jannar 2006) b'dan il-mod:

> "*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe` li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti tal-allegazzjonijet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni u cioe` li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*
>
> "*Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali*

> *tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b'att pozittiv tal-volonta` ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta' zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni propjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta' zwieg minhabba nuqqas ta' eskluzjoni ta' gudizzju. L-inkompatibilita` bejn dawn iz-zewg kawzali (d u f) tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti fil-waqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intelletwali, propju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.*

Illi fil-kawza **Anthony Gallo v. Dr. Anthony Cutajar *et nomine*** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li: *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe`, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe` saret simulazzjoni parzjali*".

Illi din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **Al Chahid v. Mary Spiteri** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**Artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg illi jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja`*

*mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cioe` simulazzjoni parzjali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed v. Dr. Yana Micallef Stafrace et** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita` tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta` u d-dritt ghall-prokreazzjoni tal-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina v. Aquilina** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **Grech v. Grech** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990).

**AGGRAVJI TAL-APPELLANTI**

**L-ewwel aggravju** tal-appellanti huwa li qabel xejn il-Qorti kellha tiddikjara null ir-rikros promotur ghaliex l-appellat ma indikax l-artikolu li tahtu kien qed jitlob in-nullita` taz-zwieg. Madankollu kif irrileva l-appellat fir-risposta tieghu, ma saret ebda eccezzjoni f'dan is-sens u kif issemma' fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Camilleri v. Aquilina** (16 ta' Marzu 2004), "*jigi osservat li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti fir-rigward u cioe` meta rriteniet li*

*"hi tista' tikkunsidra biss dawk l-eccezzjonijiet li jigu formalment moghtija" kienet korretta, mhux biss inkwantu l-gurisprudenza tikkonforta din il-posizzjoni izda billi ukoll huwa mehtieg li kull eccezzjoni li tigi sollevata mill-konvenut tkun inkorportata f'nota tal-eccezzjonijiet akkompanjata b'dikjarazzjoni guramentata mill-parti jew wahda mill-partijiet li tkun qed tressaqha (vide Art. 158).*"

Anke sentenza tal-Prim'Awla, **Antida Falzon v. APS Bank** (28 ta' Mejju 2003) qalet illi, "*l-Qorti, wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, hija tal-fehma li argument legali dedott fin-nota, u mhux bhala eccezzjoni formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqisha bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontroparti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri 'in corso'*. (Ara sentenza App A. Cristina vs E Mizzi 27/3/03)."

Dan l-aggravju kwindi huwa michud.

L-aggravju principali huwa li skont l-appellant, mill-provi migbura ma kellux jirrizulta li z-zwieg huwa null; ghalhekk li l-Qorti tal-Familja kienet zbaljata fl-apprezzament tal-fatti; ghandu jinghad allura, li ghal dak li huwa appuntu apprezzament tal-fatti, kif qalet din il-Qorti tal-Appell diversi drabi bhal fil-

kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti".* Biex din il-Qorti tbiddel is-sentenza tal-ewwel Qorti fuq dan ir-rigward iridu jirrizultaw lil din il-Qorti "*ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubbju ragonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti*" (**Paul Formosa v. Salvu Debono** – 5 ta' Ottubru 2001). Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament kif huwa segwit f'diversi sentenzi; madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza ukoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.* (**Attard et v. Direttur Generali tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 3o ta' Mejju 2014).

Naturalment din il-Qorti ukoll kemm-il darba qalet li "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita` ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero` dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* **Anna Tonna v. Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991). L-istess kuncett gie enfasizzat fil-kawza deciza mill-istess Qorti fl-14 ta' Dicembru 1994 fl-ismijiet **Maria Spiteri v. Anthony Spiteri**.

Il-Qorti jidrilha pero` li ma hemm xejn fis-sentenza appellata li jwassal lil din il-Qorti tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti fuq il-fatti rizultanti. Huwa minnu, kif intqal fis-sentenza **Nicholas Agius v. Rita Agius** (25 ta' Mejju 1995) illi l-legislatur ma jirrikjedix xi maturita` elevata biex zwieg ikun validu. Kieku il-maggoranza kbira taz-zwigijiet ikunu nulli u f'dan il-kaz jirrizulta li l-partijiet anke kellhom eta` normalment matura

bizzejjed biex jersaq ghaz-zwieg. Madankollu l-Qorti tirraviza nuqqas ta' hsieb mill-partijiet qabel ma iddecidew li jizzewgu, anzi differentement mill-ewwel Qorti, hija tal-fehma li z-zewg partijiet **eskludew il-konvivenza** sa mill-bidu taz-zwieg u donnhom kienu qed jahsbu li jizzewgu u jghixu fil-pajjiz rispettiv taghhom jew ghallinqas ma ftehmux qabel iz-zwieg fejn kienu se jghixu bhala familja. Jidher ben car li l-appellat kien deciz li jghix Malta waqt li l-appellanti kien fi hsiebha tibqa' tghix f'pajjizha tant li wara ftit xhur regghet marret hemm. Minhabba f'hekk il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza hlief ghall-kap tal-ispejjez u tordna li l-ispejjez kollha komprizi tal-appell jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet; l-appellat ghandu jhallas provizorjament l-ispejjez u d-drittijiet tal-kuraturi deputati.

Silvio Camilleri
Prim Imhallef

Tonio Mallia
Imhallef

Joseph Azzopardi
Imhallef

Deputat Registratur
df